

### **Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-prinċipju ta' ekwivalenza li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni dwar interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija fuq il-bażi tal-Artikolu 267(1) TFUE jservu bħala bażi għal ftuħ mill-ġdid ta' proċedura ċivili konkluża permezz ta' sentenza definitiva preċedenti, fil-każ fejn dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħall-Artikolu 401<sup>1</sup> tal-Kodeks postepowania cywilnego (il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), tawtorizza l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura fil-każ ta' għoti ta' sentenza definitiva fuq il-bażi ta' dispożizzjoni li t-Trybuna Konstitucyjny (il-Qorti Kostituzzjonal, il-Polona) qieset li kienet inkompatibbli ma' att legali superjuri?
- 2) Il-prinċipju ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali konformement mad-dritt tal-Unjoni li jirriżulta mill-Artikolu 4 (3) TUE kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni jirrikjedi interpretazzjoni wiesha ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħall-punt 2 tal-Artikolu 401 tal-Kodeks postepowania cywilnego (il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) b'tali mod li tinkludi fil-bażi għall-ftuħ mill-ġdid ta' proċeduri stabbiliti fl-imsemmi artikolu sentenza definitiva mogħtija fil-kontumaċċa, li fiha qorti, bi ksur tal-obbligi li jirriżultaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-176/17 Profi Credit, naqset milli teżamina kuntratt li jorbot lil konsumatur ma' kreditur fir-rigward ta' klawżoli kuntrattwali ingħusti fejn illimitat ruħha sempliċement għall-eżami tal-validità formali ta' ċedola?

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2021 minn Abitron Germany GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla) fl-14 ta' Lulju 2021 fil-Kawża T-75/20 – Abitron Germany GmbH vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-589/21 P)**

(2022/C 64/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### **Partijiet**

**Appellant:** Abitron Germany GmbH (rappreżentanti: T. Dolde, C. Zimmer, Rechtsanwälte)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, Hetronic International, Inc.

B'digriet tat-13 ta' Diċembru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma għandux jiġi ammess u kkundannat lill-appellant għall-ispejjeż tagħha stess.

**Appell ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2021 minn Cora mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġeneral (Is-Sitt Awla) fl-20 ta' Lulju 2021 fil-Kawża T-500/19, Coravin vs EUIPO – Cora (CORAVIN)**

**(Kawża C-619/21 P)**

(2022/C 64/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### **Partijiet**

**Appellant:** Cora (rappreżentant: M. Georges-Picot, avukat)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** Coravin, Inc., L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

B'digriet tat-13 ta' Diċembru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ordnat li l-appell ma huwiex ammess.